MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 691/2002

**Jane Portelli nee Delia**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija bint Felix Delia,

Illi fil-att tat-twelid tal-attrici (Att Numru 911/1960) illi vera kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'A', hemm zball fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm id-dettalji ta' missier u omm l-attrici, il-kunjom ta' missierha Felix gie erronjament indikat bhala 'Tonna' meta fir-realta' kunjomu

huwa 'Delia', kunjom nannuha patern ukoll gie indikat bhala ‘Tonna' meta fir-realta' huwa 'Delia', u omm l-attrici, Mary-Anna hija indikata bhala "*wife of the said Felix Tonna*" meta fir-realta' hija mart Felix Delia u mhux 'Felix Tonna';

Illi l-fatt illi kunjom missier l-attrici huwa ‘Delia' u mhux ‘Tonna' kif erronjament indikat fl-att tat-twelid tal-attrici, jirrizulta wkoll mill-att tat-twelid tal-istess missier l-attrici Felix Delia, Att Numru 8262/1933 li vera kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. ‘B';

Illi jirrizulta b'mod car u manifest illi hemm zball fuq imsemmi fl-att tat-twelid tal-attrici;

Illi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali (vide Dok. ‘C');

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(i) tiddikjara illi fl-att tat-twelid tal-attrici - Att Numru 911/1960 - jezisti zball peress illi kunjom missier l-attrici, Felix, huwa erronjament indikat bhala ‘Tonna' u mhux 'Delia' kif inhu fir-realta', kunjom in-nannu patern, Anthony, huwa indikat bhala ‘Tonna' minflok 'Delia', kif inhu fir--realta', u omm l-attrici, Mary-Anna hija indikata bhala "*wife of the said Felix Tonna*" meta fir-realta' hija mart Felix Delia u mhux 'Felix Tonna';

(ii) tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega billi kull fejn huwa indikat il-kunjom ‘Tonna' fl-att tat-twelid tal-attrici jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom 'Delia'.

BI-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 20 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 911 tas-sena 1960 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'din ic-citazzjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u -lista ta’ xhieda a fol 20 u 21 tal-process;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn dehret l-attrici li kkonfermat bil-gurament taghha d-dikjarazzjoni attrici u deher ukoll Dr. Hubert Theuma ghad-Direttur Registru Pubbliku li ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u rrimetta ruhu ghall-provi.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attrici numru 911/1960 *stante* li l-attrici qed tallega li fil-fatt hi kienet dejjem maghrufa bil-kunjom “Delia” u mhux “Tonna” kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attrici stess Nru. 8262/1933 esebit a fol. 6 tal-process. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(i) Tiddikjara illi fl-att tat-twelid tal-attrici - Att Numru 911/1960 - jezisti zball peress illi kunjom missier l-attrici, Felix, huwa erronjament indikat bhala 'Tonna' u mhux 'Delia' kif inhu fir-realta', kunjom in-nannu patern, Anthony, huwa indikat bhala 'Tonna' minflok 'Delia', kif inhu fir--realta', u omm l-attrici, Mary-Anna hija indikata bhala "*wife of the said Felix Tonna*" meta fir-realta' hija mart Felix Delia u mhux 'Felix Tonna';

(ii) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega billi kull fejn huwa indikat il-kunjom 'Tonna' fl-att tat-twelid tal-attrici jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom 'Delia', fis-sens fuq premess fl-ewwel talba.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**